# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 8 ta' Jannar 2025**

**Avviż Nru: 202/2023**
**Nru fuq il-Lista: 2**

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**De Freitas Da Silva Claudia Sofia (K.I. 160950A)**

**Il-Qorti;**

Rat l-Avviż tas-soċjetà attriċi mressqa fl-14 ta' Awwissu 2023[1], permezz ta' liema l-Qorti ġiet mitluba tikkundanna lil konvenuta sabiex tħallas l-ammont ta' tmint elef, ħames mija u tmienja u sebgħin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€8,578.18ċ) rappreżentanti ammont servizzi mogħtija u mhux imħallsa. Intalbu wkoll l-imgħax u l-ispejjeż kemm ta' dawn il-proċeduri u ta' ittra uffiċjali bin-numru 1416/2023.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Awwissu 2023[2].

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] A fol 16 tal-proċess.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2024[3] fejn irriżulta li l-konvenuta, issa finalment notifikata, għażlet li ma tressaqx risposta formali jew li tirreġistra dehra. Dakinhar il-kawża ġiet imħollija għall-provi kollha. Dakinhar instemgħet ix-xhieda ta' Paul Gatt[4], rappreżentant tas-soċjetà attriċi.

Rat dak li seħħ fis-seduta ta-18 ta' Ottubru 2024[5] meta nstemgħet ix-xhieda ta' Christian Fenech[6]. Dakinhar, il-konvenuta reġgħet ma dehritx u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta' Novembru 2024[7], fejn għar-raġunijiet hemm indikati, l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi kif ġie indikat mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, il-konvenuta għażlet li tkun proċesswalment passiva f'dawn il-proċeduri u la wieġbet formalment għal din l-azzjoni u lanqas irreġistrat dehra fihom.

Illi f'din l-azzjoni, s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas tal-ammont ta' tmint elef, ħames mija u tmienja u sebgħin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€8,578.18ċ) rappreżentanti ammont servizzi mogħtija u mhux imħallsa. Huwa aċċettat li l-oneru tal-prova dwar xi kreditu jibqa' dejjem fuq spallejn min jallega l-istess, u sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, dan tal-aħħar

---

3 A fol 50 tal-proċess.
4 Din tibda a fol 51 tal-proċess.
5 Verbal relattiv jinsab a fol 54 tal-proċess.
6 Din tibda a fol 55 tal-proċess.
7 A fol 60A tal-proċess.

ma jaħtix għal dan in-nuqqas[8]. Jekk l-attur mbagħad jipprova tali kreditu, l-piż tal-prova jdur fuq id-debitur sabiex jipprova xi ċirkostanzi jew difiżi li jista' jqanqal sabiex jinħeles mill-obbligazzjoni tal-kundanna tal-ħlas[9].

Illi mix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi u mill-provi dokumentarji mressqa, din il-Qorti ssib li l-azzjoni ġiet ipprovata b'mod komplet.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lil konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' tmint elef, ħames mija u tmienja u sebgħin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€8,578.18ċ) bl-imgħax legali mit-12 ta' Mejju 2023[10] sad-data tal-pagament effettiv.

---

[8] Fost oħrajn, jiġi senjalat dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **360 Retail Supplies Limited vs Maged Fawzy Shokry Iskandar *et*,** (Rik Nru: 1174/19/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' April 2023, fejn fost affarijiet oħra ġie mfakkar hekk: *"Din il-Qorti tqis li, fl-ewwel lok, skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara Carmelo Zammit et v. Emanuele Galea et, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u Maria Stella Calleja v. Brian Degiorgio, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk sakemm lattur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju actore non probante reus absolvitur (ara Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);"*

[9] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Richard Attard *et* vs Mark Anthony Barbara,** (Rik Nru: 1116/2016/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-11 ta' April 2024. Hija wkoll ta' interess s-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio,** (Rik Nru: 691/14/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-17 ta' Marzu 2022.

[10] Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali li tinsab a fol 12 tal-proċess. Din kienet għall-ammont hawn mitlub. Jgħodd hawnhekk dak li nqtal fis-sentenza fil-ismijiet **Iris Dalmas vs Ronnie German et,** (App Ċiv Nru: 524/2002/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Marzu 2005 u ċioé: *"Huwa fatt illi waqt li hu kontestat illi l-imghax ma kienx dovut fuq is-self mill-mument meta dan isir sakemm dan ikun il-ligi jew il-ftehim esigibbli, ma jfisserx illi ebda mghax ma kien ser ikun qatt dovut fuq dak l-istess self. Ghall-iskop tad-dekorriment ta' l-imghax hu mehtieg interpellazzjoni formali biex id-debitur jitqieghed in mora. Jigifieri, "una interpellazione specifica pel pagamento dei lucri e non una semplice intimazione al debitore di eseguire la sua obbligazione" (Kollez. Vol. XVI P I p 84);"* Dan il-bran ġie utilizzat u mħaddan fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Chetcuti vs Jeffrey Attard,** (Rik Ġur Nru: 543/21)

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-ittra uffiċjali bin-numru 1416/2023[11] msemmija fl-Avviż promotur, jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuta.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Ottubru 2021 (mhux appellata). Huwa t'interess ukoll dak li ġie raġunat u deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Schembri *et* vs Saviour Attard *et*,** (App Ċiv Nru: 1181/2008/2) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-6 ta' Ġunju 2024.

[11] Kopja eżebita a fol 10 tal-proċess.